# Il-Purċissjoni ta' Santa Marija dari u llum

*Joseph Degabriele*



Ix-xahar t'Awwissu hu l-iktar xahar għal qalbna, għax fir-raħal tagħna tiġi iċċelebrata bil-kbir il-Festa tal-Patruna tagħna Santa Marija. Din l-okkażjoni hekk sabiħa tagħtini l-opportunità biex ningħaqad magħhom permezz ta' dan il-messaġġ li nikteb bħala, dak li nieħu ħsieb il-purċissjoni.

Il-festa hija avveniment sabiħ ta' fidi, ferħ u għaqda, fejn grazzi għat-tradizzjonijiet u drawwiet li ilhom isiru għal snin sħaħ, u li aħna wkoll qegħdin inkomplu.

Il-poplu jifraħ u jagħti qima lil Marija Santissima mtella' s-sema. L-armar, il-baned, il-briju, il-knisja u l-purċissjoni huma fost l-aktar elementi importanti marbutin mal-Festa tagħna. Dan kollu jsir bi sforzi u sagrifiċċji kbar.

Kull għaxqu għandu jiċċelebra din il-Festa billi jattendi għall-funzjonijiet li jsiru fil-Knisja, għax din hija Festa reliġjuża u għalhekk ma jagħmilx sens li ngawdu l-Festa esterna biss. Irridu niftakru fil-morda tar-raħal tagħna, f'persuni b'diżabilità u dawk li qegħdin isofru minn xi telfa ta' xi ħadd għażiż fil-familja, għax il-festa hija okkażjoni fejn nuru solidarjetà u għaqda ma' xulxin.

F'dan l-artiklu se nippruvaw inħarsu lejn il-purċissjoni ta' Santa Marija minn lenti soċjali u reliġjuża, għax hi parti mill-funzjonijiet liturġiċi li torganizza l-Knisja, u li hi parti mill-folklor u t-tradizzjoni tagħna.

Din il-purċissjoni ta' Santa Marija dejjem issir fil-15 t'Awwissu, il-jum liturġiku iddedikat lill-Assunta mtella' s-sema bir-ruħ u bil-ġisem.



*Il-Purċissjoni ta' Santa Marija fl-1946*

## Ħruġ tal-Purċissjoni

Mat-tokki tal-bidu tal-mota tal-ħruġ tal-purċissjoni, tibda tara moviment fil-Knisja minn dawk li jieħdu sehem, kemm minn fratelli u reffiegħa. In-nies ikunu qegħdin jistennew bil-ħerqa li tfiġġ il-vara ta' Santa Marija, biex xħin toħroġ fuq iz-zuntier jinfexxu f'ċapċip kbir, u fost id-daqq tal-banda u kant ta' innijiet Marjani. Bħalma naraw f'purċissjonijiet oħra, fil-bidu ta' din il-purċissjoni wieħed jista' jara numru ta' standardi (tlieta kollox) ikkuluriti jimxu wara xulxin li jinżammu minn irġiel, li għalkemm kollha jkunu libsin libsa twila bajda li tissejjaħ kunfratija, fuqha jilbsu bħal kappa tissejjaħ manzetta, li l-kulur tagħha jkun jikkorrispondi mal-istandard li dak il-fratell ikun qiegħed iġorr.

Kull wieħed minn dawn l-istandardi jkun ikkumpanjat minn salib, żewġ anterni, surġentina li kollha jinġarru minn fratelli.

Id-domna li jilbisha r-rettur tal-fratellanza. Jista' jkun hemm aktar fratelli li dawn iżommu xemgħa f'idejhom. Dawn in-nies li jissejħu fratelli flimkien ma' rettur tal-fratellanza, dari kienu jieħdu ħsieb xi altar fil-knisja, li jkun iddedikat għal qaddis/a tal-istess fratellanza, fl-istess ħin kienet qisha xi *union* li min kien ikollu bżonn, xi ħadd mill-membri tal-fratellanza, kienu jagħtuh mill-fondi li kien jinġabar. Snin ilu għaliex illum din it-tradizzjoni kwa żi spiċċat, baqa' biss voluntieri, jieħdu ħsieb dan, għax illum il-prokuraturi spiċċa u qed jaqaw f'idejn il-kappillan. Illum dawn il-fratelli tant naqsu, li ħafna minn dawk li jkunu lebsin ta' fratelli ma jkunux vera fratell, iżda biss lebsin hekk u għalhekk, ħafna drabi tara l-istess nies lebsin ta' fratelli f'diversi purċissjonijiet. Qabel l-ewwel standard toħroġ il-banderetta tal-vjatku ta' kulur aħmar li għandu żewġ emblemi waħda qalb ta' Ġesù u fuq in-naħa l-oħra l-emblema tal-pelikan. (l-Ispirtu s-Santu)

L-ewwel standard li joħroġ, hu tal-fratellanza ta' San Ġużepp u għandu l-kulur blu, u li għandu fuq x-xettru ta' San Ġużepp. Warajh joħroġ tal-fratellanza tar-Rużarju u għandu l-kulur abjad, u jġib l-arma ta' Nomini dei Maria. L-aħħar li joħroġ hu l-istandard tal-fratellanza tas-sagrament li hu ta' kulur aħmar. Dan għandu żewġ emblemi fuq, waħda b'qalb ta' Ġesù u n-naħa l-oħra fih il-pelligon għax joħroġ fil-festa ta' Corpus. Hemm standard ieħor imma dan ma joħroġx lejliet il-Festa fit-transulazzjoni, insejħulu tal-ħarufa u ta' kulur aħmar. Insejħulu hekk għax għandu ħarufa irrakmata fid-deheb fuqu. Dawn huma wieħed mill-isbaħ standardi u għadu ikkultivat ħafna. Illum dawn l-istandardi l-primi, ġieli ma joħorġux imma joħorġu l-istandardi s-sekondi, biex ma jitkabrux u minħabba r-rakmu li għandhom.

Eżatt wara l-fratelli wieħed għandu jara l-vara maestuża ta' Santa Marija. Din hija waħda mill-isbaħ statwi li


Il-Purċissjoni illum

hawn fil-gżejjer Maltin, li hi maħduma fl-injam mill-iskultur Malti Marjanu Gerada, fl-1808, u ġiet tiswa 800 skud, u ġiet imħallsa minn Gian Maria Farrugia. Fl-2006 l-istatwa ġiet restawrata mill-induratur Horace Farrugia tal-Imdina u ġabha fl-oriġinalità li kienet, meta inħadmet. Kemm l-istatwa u l-istellarju tal-fidda, ġew imħallsa mis-Sur Vince Bezzina. Il-vara tintrefa minn tmien irġiel lebsin il-konfratija bajda li jridu jkunu soċi fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija. Magħhom ikun hemm ukoll erba' rġiel bil-forċina.

Wara l-vara joħroġ il-kurċifiss il-kbir tal-fidda li jissejjaħ is-salib tal-kleru, li llum jinżamm minn lajċi liebes spellizza u suttana, imma dari kien jiġi miżmum minn djaknu.

Dan ikun akkumpanjat minn żewġ abbatini li jkunu qed iżommu l-okkulti, quddiemu jkunu hemm żewġ abbatini oħra b'ċensir u navetta. Wara s-salib ikun hemm abbatini attivi tal-parroċċa, warajhom ikun hemm erba' lajċi lebsin suttana sewda u spellizza bajda, fuq spallejhom ikollhom kappa sabiħa bil-gallun tad-deheb. Dawn qabel kienu jkunu Kanonċi jew Monsinjuri, saċerdoti proprja, li jkun lebsin kamżu bil-bizzilla u kappa irrakmata bid-deheb. Wara jkun hemm l-iktar ħaġa sagra li tkun trid tinżamm minn xi Kanonku jew Monsinjur proprja, din tkun relikwa. Din tkun bħal urna żgħira li żżommha f'idejh. Maġenbu, wieħed kull naħa, ikun hemm żewġ lajċi oħra, li jkunu lebsin bħal kapep li rajna qabel. Dari dawn kienu jkunu żewġ djakni lebsin id-diniċella, ġieli d-diniċella jilbsuha l-lajċi flok il-kappa. Dawn ikunu mdawrin b'erba' rġiel fratelli tas-sagrament iżommu interna. Il-kelma relikwa ġejja mil-Latin *reliquiæ* kelma li tfisser fdalijiet, kemm oġġetti, ngħidu aħna fdalijiet wara ikla, kif ukoll ta' persuna li mietet. Il-kelma bil-Malti tirreferi għal fdal meqjum ta' ħwejjeġ jew għadam ta' xi ruħ qaddisa, li jinżammu b'għożża kbira bħala ħaġa sagra, ġeneralment f'niċċa jew teka.

Ir-relikwi huma ta' tliet xorta; relikwi tal-ewwel klassi huma dawk marbuta mal-ħajja ta' Kristu, ngħidu aħna l-verulinju, farka mis-salib li fuqu Kirstu kien imsallab. Huma wkoll ta' din il-klassi il-fdalijiet tal-ġisem tal-martri u qaddisin. Relikwi tat-tieni klassi huma dawk magħmula minn ħwejjeġ jew oġġetti tal-martri, u tal-qaddisin. Waqt li relikwi tat-tielet klassi huma oġġetti, l-iktar biċċiet ta' drapp li messewhom mal-fdalijiet tal-qaddisin. Il-Kanonku jew Monsinjur li jkun qed iżomm ir-relikwa ġieli joħroġ mill-purċissjoni, meta jara l-anzjani bilqiegħda fuq is-siġġu fejn djarhom, biex imissu r-relikwa u jbusuha.

Fl-aħħar niltaqgħu mal-banda. Din m'għandha l-ebda sinifikat fil-purċissjoni, kemm mil-lat reliġjuż kif ukoll mil-lat soċjali ħlief li takkumpanja l-purċissjoni, bid-daqq ta' innijiet proċessjonali u Marjani.

Meta jkun se jiġi ċċelebrat xi anniversarju jiġu mistiedna xi mazzier jew Bażilika minn xi knisja Kolleġġjata flimkien ma' xi kanonċi u Monsinjuri biex jieħdu sehem fil-purċissjoni.

B'hekk rajna kif kienet issir il-purċissjoni dari, u kif qiegħda ssir illum, għalhekk għandna nibżgħu għal dak li jsir, u nibqgħu nagħmlu purċissjoni reliġjuża kemm jista' jkun.

**Nagħlaq dan l-artiklu ta' din is-sena billi rrid insemmi lil Fr Alfred Scerri ofm Cap (Direttur Spiritwali tal-grupp ta' San Piju Pietralċina) li kien wieħed mill-aktar li jixraqlu bil-paniġierku li għamel is-sena l-oħra għall-Festa ta' Santa Marija peress illi ta' dan ma stajtx uffiċjalment nirringrazzjah qabel.**

**Nieħu għalhekk din l-okkażjoni biex minn qalbi flimkien mad-devoti marjani nirringrazzjawh tal-paniġierku sabiħ u ta' tifħir li għamel fuq il-Madonna fil-quddiesa kantata tal-Festa.**

**Ir-*recording* ta' dan il-paniġierku se jerġa' jixxandar fil-ġranet tal-Festa fuq ir-radju *Marija Assunta 88.9Fm*. Il-ħin jixxandar aktar 'il quddiem fuq ir-radju stess.**

DinoSigns

Professional Signmakers

Triq il-President Anton Buttigieg, Żejtun ZTN 2834, Malta
Tel/Fax: 00356 2169 5892 • Mob: 00356 9947 6070
E-mail: info@dinosignsmalta.com • Web: www.dinosignsmalta.com